



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2010/2243(BUD)

12.11.2010

EMENDI

1 - 2

Abbozz ta' rapport
Barbara Matera
(PE450.959v01-00)

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod

(COM(2010)0582 – C7-0334/2010 – 2010/2243(BUD))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Alexander Alvaro, Carl Haglund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEAG tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppreżentata evalwazzjoni komparattiva ta' din id-dejta anki fir-rapporti annwali tiegħu;

Emenda

4. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEAG tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppreżentata valutazzjoni komparattiva ta' din id-dejta anki fir-rapporti annwali tiegħu, ***inkluża valutazzjoni tal-effetti li dawn is-servizzi temporanji u personalizzati se jkollhom fuq l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol fit-tul tal-ħaddiema sensjati*** ;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Parlament Ewropew għandu jikseb dejta suffiċjenti dwar jekk xi ħaddiema li rċevew taħriġ alternattiv bl-għajjnuna tal-FEAG irnexxilhomx ukoll isibu impjieg permaneneti, peress li l-PE ma għandux jikkontribwixxi għal kuntratti ta' perjodu ta' żmien qasir mingħajr prospettivi ta' impjieg fit-tul.

Emenda 2
Alexander Alvaro, Carl Haglund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4a. Jinnota li l-komplementaritajiet bejn il-FEAG u fondi strutturali oħra juru wkoll li la l-Kummissjoni u lanqas l-Istati Membri li talbu l-għajjnuna ma għamlu użu suffiċjenti tal-fondi l-oħra disponibbli bħall-FES jew il-fondi strutturali u ta' koeżjoni qabel ma ressqu l-applikazzjoni

Emenda

tagħhom;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Parlament Ewropew bħala id waħda tal-awtorità baġitarja għandu jissorvelja l-użu u l-implementazzjoni tajbin tal-possibiltajiet ta' finanzjament eżistenti kollha għall-Istati Membri. Din il-ħtieġa hija enfasizzata b'mod partikolari mill-fatt li minkejja li l-FEAG jista' jipprovdi biss sostenn ta' darba, xorta waħda jintuża b'mod estensiv għall-finanzjament ta' ħtiġijiet li jistgħu jkunu koperti b'soluzzjonijiet aktar permanenti permezz ta' sorsi oħra. Dan jindika li l-FEAG jintuża bħala soluzzjoni ta' "niddubbaw ta' malajr" minflok ma jintużaw proċeduri jtwal marbutin mal-fondi strutturali u ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmi dwar l-educazzjoni bħat-Tagħlim tul il-Ħajja u programmi oħra